MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 821/1998/1

**Euroclub Holidays Company Limited.**

**vs**

**Robert Borg ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Estera “Maltasun Holidays Limited”.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 22 ta’ April 1998 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn gie premess:-

Illi permezz ta’ kuntratt datat 5 ta' Ottubru 1996 li kopja tieghu qed tigi hawn esibita u markata dokument “A”, is-socjeta` attrici pprovdiet akkomodazzjoni u allokazzjoni fil-

lukanda taghha Euroclub Hotel Triq il-Fliega Qawra lill-konvenut *nomine* taht il-kundizzjonijiet hemm imsemmija;

Illi s-socjeta` konvenuta hija debitrici tal-attrici fis-somma ta' ghaxart elef, hames mija u tmienja u disghin liri maltin u sittin centezmu (Lm10,598.60) kwantu ghal sitt elef mija u wiehed liri maltin hamsa u sebghin centezmu (Lm6,101.75) bilanc mill-kuntratt fuq imsemmi, kwantu ghal elfejn tmin mija u erbghin liri maltin u hmistax-il centezmu (Lm2,840.15) bhala *"All inclusive accomodation"* u kwantu ghar-rimanenti elf, sitt mija u sitta u hamsin liri Maltin u sebghin centezmu (Lm1,656.70) bhala straordinarji (extras) fil-lukanda Euroclub kif jirrizulta mill-prospett hawn anness u markat Dok "BI" sa "B".

Illi interpellata diversi drabi ghall-hlas u dan anke permezz ta' ittra ufficjali datata 17 ta' Marzu 1998 is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut *nomine* ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' ghaxart elef, hames mija u tmienja u disghin Liri Maltin u sittin centezmu (Lm10,598.60) kwantu ghal sitt elef mija u wiehed liri maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm6,101.75) bilanc mill-kuntratt fuq imsemmi, kwantu ghal elfejn tmin mija u erbghin Liri Maltin u hmistax-il centezmu (Lm2,840.15) bhala "All inclusive accomodation" u kwantu ghar-rimanenti elf, sitt mija u sitta u hamsin Liri Maltin u sebghin centezmu (Lm1,656.70) bhala straordinarji (*extras*) fil-lukanda Euroclub kif jirrizulta mill-prospett hawn anness u markat Dok "BI" sa "B".

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Marzu 1998 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid ipprezentati kontestwalment kontra l-konvenut *nomine* li huwa minn issa ingunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 sa fol. 16 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti ghas-seduta tal-10 ta’ Dicembru 1998.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 23 ta’ Dicembru 1998 a fol. 21 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-ammont li qieghed jigi reklamat mis-socjeta` attrici gie mhallas fl-*intier* tieghu u ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghandha tigi mehlusa mill-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

2. Illi difatti s-socjeta` konvenuta sofriet danni minhabba inadempjenza kontrattwali da parti tas-socjeta` attrici tant li qieghda tipprevali ruhha mill-istanza u taghmel kontro-talba ghal-likwidazzjoni u hlas ta’ danni minnha sofferti.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 21 u 22 tal-process.

Rat il-**kontro-talba** tas-socjeta` Maltasun Holidays Ltd datata 23 ta’ Dicembru 1998 a fol 23 tal-process fejn gie premess: -

Illi permezz ta' ftehim datat 5 ta' Ottubru 1996 is-socjetajiet kontendenti qablu fuq kwantita' ta' allogg u xorta ta' servizzi li kellhom jitbaghtu mis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti, fil-lukanda hemm deskritta u cioe' Euroclub Hotel, Triq il-Fliegu, Qawra, proprjeta' tas-socjeta' attrici rikonvenzjonata;

Illi kif ser jigi ppruvat fil-kors ta' din il-kawza is-socjeta' rikonvenzjonata ma pprestatux u lanqas irrendiet is-servizzi fl-ispecifikazzjonijiet miftehma u *di piu'* falsament iddisinjat l-imsemmija lukanda bhala "Three Star Hotel"

meta difatti ma kinetx, ghalkemm giet hekk reklamata mis-socjeta' rikonvenzjonanti mal-klijenti taghha barra minn Malta (Dok. “EC 1”);

Illi b'konsegwenza ta' dan l-agir illegali u abbuziv tas-socjeta' rikonvenzjonata u l-inadempjenza kontrattwali taghha, diversi klijenti tas-socjeta' kellhom jigu inevitabilment ikkumpensati mis-socjeta' konvenuta rikonvenzjonanti;

Illi ghalhekk li s-socjeta' MaltaSun Holidays Limited b'konsegwenza tal-agir sudett tas-socjeta' Euroclub Holidays Company Limited sofriet id-danni li ghad iridu jigu likwidati:

Illi ghalhekk is-socjeta' konvenuta talbet li s-socjeta’ attrici rikonvenzjonata tghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni opportuna u necessarja da parti taghha:-

1. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' konvenzjonanti b'konsegwenza tal-agir sudett tas-socjeta' rikonvenzjonata okkorrendo b'opera ta' periti nominandi; u

2. Tikkundanna lill-istess socjeta' rikonvenzjonata thallas lis-socjeta' rikonvenzjonanti d-danni hekk likwidati bl-imghaxijiet legali mill-presenti sal-pagament effettiv fuq l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u bis-socjeta' rikonvenzjonanti minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tas-socjeta` Maltasun Holidays Ltd a fol 24 tal-porcess.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tas-26 ta’ Jannar 1999 fejn il-kawza giet differita ghall-provi attrici.

Rat il-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghat-talbiet rikonvenzjonali tas-socjeta` attrici datata 11 ta’ Marzu 1999 a fol. 27 tal-process fejn eccepixxa.

1. Illi mhux minnu li s-socjeta’ konvenuta sofriet danni li hija responsabbli ghalihom is-socjeta` attrici u jekk il-konvenuta soffriet xi danni dan gara minhabba agir tal-istess socjeta` konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` attrici skont il-ligi a fol. 27 u 28 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Frank G Camilleri mill-4 Ottubru 1999 sal-5 ta’ Mejju 2000.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tas-27 ta’ Gunju 2001 il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea biex jiffissa tliet (3) seduti fil-mori tad-differiment ghall-provi kollha tal-konvenuti.

Ra il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea (fol.158).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tas-17 ta’ Meju 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-provi li kien baqa’ tal-konvenut.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mit-23 ta’ Ottubru 2002 sal-31 ta’ Ottubru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-kontro-ezami tal-attur *da parte* tal-konvenut.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Marzu 2006 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr. Vincent Galea biex jiffissa tliet (3) seduti ghall-konkluzjoni tal-provi attrici sal-ahhar ta’ Mejju 2006 u dan kollox skont l-anness digriet tan-nomina, u ordnat lill-Perit Legali jiffissa tliet (3) seduti ghall-kontro-ezami, u wara jirrelata.

Rat in-nota tal-Avukat Dottor Dominic A Cassar datata 4 ta' Dicembru 2006 a fol 367 tal-process li biha rrinunzja ghall-patrocinju tas-socjeta` attrici.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u estera' Maltasun Holidays Limtied datata 5 ta' Novembru 2007 a fol. 371 tal-process.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Vincent Galea datat 29 ta' Ottubru 2008 u mahluf fis-seduta tal-25 ta' Frar 2009, il-verbali tas-seduti minnu mizmuma, inkluza x-xhieda kollha quddiemu prodotta; l-istess rapport jinsab esebit a fol 385 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif attwalment presjeduta fejn fis-seduta tas-17 ta' Gunju 2009 meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Anna Mallia ghall-konvenut. Is-socjeta` attrici u d-difensuri taghha msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Anna Mallia rrimettiet ruhha ghar-rapport. Il-kawza qed tigi differita ghas-26 ta' Novembru 2009 ghas-sentenza.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' Lm10,598.60 rapprezentanti bilanc minn somma akbar kif spjegata fic-citazzjoni attrici abbazi tal-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet datat 5 ta' Ottubru 1996 (Dok. A). Minn naha l-ohra s-socjeta' konvenuta qed issostni li hija ma ghandha taghti xejn lis-socjeta' attrici peress li hija hallset dak kollu li kien dovut fuq l-istess kuntratt, anzi qed tghid li minhabba nuqqasijiet tas-socjeta' attrici li ma rrenddietx u ma pprestatx is-servizzi

kif kellha tipprovdi bl-istess kuntratt, is-socjeta’ konvenuta sofriet danni u permezz ta’ kontro-talba talbet li s-socjeta’ attrici tigi kkundannata thallas id-danni li jigu likwidati hekk ikkawzati lilha mis-socjeta’ attrici.

Illi skont il-ftehim datat 5 ta’ Ottubru 1996 (Dok. A, a fol. 5). is-socjeta` attrici kellha tipprovdi 200 lejl ghal 40 *twin room*, fuq bazi ta’ *half board*, b’kull kamra takkomoda zewg persuni. Is-socjeta` konvenuta kellha għalhekk tuża total ta’ 8,000 *room nights* bil-prezz ta’ Lm2.50 il-persuna għal kull lejl, fuq bażi ta’ *half board*, bejn l-1 ta’ Novembru 1996 u il-31 ta’ Ottubru 1997. Skont l-istess ftehim, kull kamra kellu jkollha gallarija u matul l-imsemmi perjodu, l-erbgħin kamra msemmija kellhom ikunu esklussivament għall-użu tas-soċjeta` konvenuta.

Illi *in oltre*, skont l-imsemmi ftehim, meta kamra tintuża fuq bażi *bed and breakfast*, il-prezz kellu jkun ta’ Lm1.25-il persuna għal kull lejl. Kemm-il darba kamra tintuża fuq bażi *full board*, kellu jkun hemm ħlas addizzjonali ta’ 70 ċenteżmu il-persuna għal kull lejl. Fl-imsemmi ftehim jingħad ukoll illi kemm il-darba jsir użu ta’ iżjed minn 8,000 *room nights*, il-prezz kellu jkun *pro rata* skont it-tip ta’ akkomodazzjoni li tkun ingħatat, u ċioe` *bed and breakfast, half board* jew *full board.* Kemm il-darba *twin room* tintuża minn iżjed minn żewġ persuni, jkun hemm ħlas addizzjonali ta’ 50% tar-rata tat-tip ta’ akkomodazzjoni li tkun ingħatat.

Illi gie pattwit li l-pagamenti kellhom isiru fl-aħħar jum ta’ kull xahar kif ġej u dan bil-mod segwenti:-

(1) Minn Novembru 1996 sa April 1997 - Lm2,000 fix-xahar
(2) Minn Mejju 1997 sa Ġunju 1997 – Lm4,000 fix-xahar
(3) Minn Lulju 1997 sa Ottubru 1997 – Lm5,000 fix-xahar

b’valur totali ta’ Lm40,000, bil-VAT inkluż.

Illi permezz ta’ affidavit ippreżentat fil-25 ta’ Jannar 2000 (a fol. 32), Mike Smith għas-socjeta’ konvenuta spjega li wara li kien għamel kuntratt datat 5 ta’ Ottubru 1996

f'isem Malta Sun Holidays Limited ma' Michael Ciappara, li huwa kellu l-impressjoni li kien il-proprjetarju ta' Euroclub Hotel, huwa ġie mogħti diversi fuljetti li jirreklamaw l-istess lukanda bħala '3 star'. Dawn il-fuljetti ġew imqassma lill-klijenti tas-soċjeta` konvenuta ġewwa l-Ingilterra u l-lukanda bdiet tiġi reklmata fl-istess pajjiż.

Illi huwa jghid li l-valur miftiehem fuq il-kuntratt kien ta' Lm40,000, iżda seta' jkun hemm nuqqasijiet jew żidiet. Huwa jghid li l-ammont tal-pagament tela' għal Lm40,754.60 (a fol. 41).

Illi pero` l-istess xhud jghid li s-soċjeta` konvenuta kellha problemi serji ġewwa l-Ingilterra ma' organiżżazzjonijiet bħal *Civil Aviation Authority*, l-*Association of British Travel Agents* (ABTA) u t-*Trading Standards Authority* ghaliex l-istess socjeta' konvenuta indikat il-lukanda bħala '3 star'.

Illi skont l-istess xhud, għalkemm is-soċjeta` attriċi tista' tgħid li l-*invoices* tagħha jammontaw għal somma akbar mis-somma li fil-fatt tidher fl-*istatement* esebit mis-soċjeta` konvenuta (a fol. 45), fuq liema *statement* jidhru l-ħlasijiet magħmula mill-istess soċjeta` konvenuta, "*ħafna mill-invoices fihom ħafna żbalji fil-kalkolazzjoni*" (a fol. 42). Huwa jgħid illi "*peress li l-Malta Sun ma kenitx għamlet użu mill-'bednights' kollha, l-akkomodazzjoni li ma kenitx tintuża kienet titħallas bir-rata ta' 'bed and breakfast' kif jistipula l-kuntratt*" (a fol. 42).

Illi huwa pprezenta prospett (a fol. 45), fejn skont is-soċjeta` konvenuta, meta wieħed jgħodd il-valur tal-kuntratt u ċioe` s-somma ta' Lm40,000 flimkien ma' l-*all inclusive supplement* għas-somma ta' Lm5,169.75 u *other supplements* għas-somma ta' Lm1,686.60, jirriżulta total ta' Lm46,856.35. Minn din is-somma s-soċjeta` konvenuta naqqset s-somma ta' Lm288.75, rappreżentanti *"Reductions for Third Person Sharing'* u tnaqqis għal dawk ir-residenti li utiliżżaw biss akkomodazzjoni fuq bażi ta' *bed and breakfast* u s-somma ta' Lm3,880, rappreżentanti *"unutilised commitment at B & B Rate only 3,104 Bed Nights @ Lm1.25"*. Għalhekk skont dan ir-rendikont, meta wieħed inaqqas is-somom ta'

Lm288.75 u Lm3,880 mis-somma ta' Lm46,856.35, jirriżulta illi s-somma dovuta lis-soċjeta` attriċi hija ta' Lm42,687.60. Sussegwentement, minn din is-somma tnaqqset ukoll is-somma ta' Lm1,993, rappreżentanti kumpens li s-soċjeta` konvenuta ħallset lill-klijenti tagħha, bi qbil mas-soċjeta` attriċi. B'hekk skont dan ir-rendikont, is-soċjeta` konvenuta ħallset is-somma ta' Lm40,754.60 (Lm42,687.60 – Lm1,993) lis-soċjeta` attriċi.

Illi l-istess xhud stqarr ukoll illi minn investigazzjonijiet li saru minn naħa tas-soċjeta` konvenuta, rriżulta li fiż-żmien li sar il-ftehim bejn iż-żewġ soċjetajiet, il-lukanda 'Euroclub' ma kinitx '3 star', minkejja li r-reklam fuq il-fuljett tagħhom kien juri dan. Mike Smith jgħid ukoll illi "*allura Malta Sun bl-informazzjoni li kienet ġiet mogħtija minn Euroclub, kienet qed tinganna lin-nies u b'hekk ġiet imressqa quddiem l-Office of Fair Trading kif ukoll quddiem istituzzjonijiet oħra, għal atti kriminali. Dawn jistgħu jagħtu penalitajiet kbar ħafna"* (a fol. 43).

Illi apparti minn dan skont dan ix-xhud, Michael Ciappara ghan-nom tas-socjeta' attrici ma kienx jimxi mal-ftehim. Hekk per eżempju, f'okkażjoni minnhom huwa kien ta struzzjonijiet lill-ħaddiema tiegħu sabiex ma jservux aktar *cereal* waqt il-*breakfast*, b'dan illi dawk il-klijenti li xtaqu *cereal* kellhom iħallsu żejjed għalih. Il-*bar* beda jingħalaq, bl-iskuża li ma kienx hemm *barman. In oltre* għalkemm skont il-ftehim, il-kmamar kellhom ikunu kollha bil-gallarija, f'diversi okkażjonijiet il-klijenti tas-soċjeta` konvenuta ngħataw kmamar mingħajr gallarija. Għaldaqstant, skont dan ix-xhud, il-klijenti bdew jirrifjutaw li joqogħdu fil-lukanda Euroclub. *In oltre*, bħala riżultat ta' l-ilmenti da parti tal-klijenti tas-soċjeta` konvenuta, "*beda jsir impossibbli li tuża l-'bednights' peress illi l-klijenti bdew il-ħin kollu jinsistu li joħorġu mill-Euroclub u jmorru f'hotel oħra. Per eżempju, fis-27 ta' Lulju 1997 kien hemm dsatax-il kamra minn erbgħin vojta. Dan kollu meta l-istaġun tat-turisti jkun fl-aqwa tiegħu. Dan kollu beda jġiegħel lil Malta Sun sabiex toħroġ aktar flus fir-reklamar sabiex tkun tista' timla l-kmamar vakanti fil-Euroclub barra li l-kumpanija riedet ukoll tħallas rati għoljin sabiex takkomoda lil dawk il-klijenti li joħorġu 'l barra mill-*

*Euroclub u joqogħdu f'lukanda oħra. Ma tistax tistabilixxi s-somma proprja pero` il-ħlas fir-reklamar kien jammonta għal £275 Liri Sterlini kull ġurnata u dan matul Lulju, Awwissu u Settembru*" (a fol. 43).

Illi s-soċjeta` konvenuta esebiet ukoll diversi dokumenti mmarkati bħala Dok. "RB 1" sa "RB 17" (a fol. 53 *et seq*), konsistenti f'ritratti li juru l-istat tal-lukanda Euroclub, ittri u varji dokumenti oħra. Fost dawn l-ittri, ġiet esebita ittra u *cheque* datati 6 ta' Diċembru 1997 (a fol. 57 u 58) li juru li s-soċjeta` konvenuta kellha tħallas is-somma ta' £200 bħala kumpens lil ċertu Karl V. Sims, u ċioe` wieħed mid-diversi klijenti tas-soċjeta` konvenuta li ressqu l-ilmenti tagħhom fil-konfront tal-lukanda Euroclub u li heddew li ser jieħdu passi kontra l-istess soċjeta` konvenuta.

Illi fis-seduta miżmuma quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fid-29 ta' April 2003 (a fol. 182), l-istess xhud esebixxa kopji ta' varji *cheques* (Dok. "X1", "X2", "X3" u "X4", a fol. 187 *et seq*) b'kollox ammontanti għas-somma ta' Lm40,754.60, kif ukoll *breakdown* tal-pagamenti magħmula mis-soċjeta` konvenuta lis-soċjeta` attriċi (Dok. "X5", a fol. 191).

Illi dwar is-somma ta' Lm5,169.75 li fir-rendikont hija ndikata bħala '*all inclusive*', l-istess xhud spjega illi "*The hotel also offered us the option of putting clients there on all inclusive basis to which we hadn't agreed in writing*" u allura kellu jsir ħlas żejjed f'dan ir-rigward. Dwar is-somma ta' Lm1,686.60, li ġiet indikata fir-rendikont bħala *'extras'*, Smith spjega illi "*if we utilized more than the agreed eight thousand bed nights, … we would pay for those extra nights … Any rooms which were used on full board basis we paid an extra 70c per person per night*" (a fol. 185 u 186).

Illi fis-seduta tat-28 ta' Marzu 2001, xehed Ray Galea, rappreżentant tal-*Hotel Catering Establishment Board* (a fol. 141). L-istess xhud spjega illi fis-snin 1996 u 1997, il-lukanda Euroclub kienet reġistrata bħala *2 star hotel* u f'dan ir-rigward esebixxa kopji ta' żewġ liċenzji mmarkati bħala Dok. "RG 1" u "RG 2" (a fol. 131 sa 134). Huwa

xehed illi fir-rigward ta’ din il-lukanda, kienu daħlu xi lmenti, li kienu jirreferu għal dak li gie deskritt bhala *sub-standard accommodation.* Fis-seduta miżmuma quddiem din il-Qorti fis-27 ta’ Ġunju 2001 (a fol. 153), l-istess Ray Galea xehed illi l-lukanda Euroclub “*qatt ma kienet reġistrata bħala 3 star Hotel*” u li ilha reġistrata bħala *2 star* sa mis-sena 1996.

Illi fis-seduta miżmuma quddiem il-Perit Legali fid-9 ta’ Ottubru 2001 (a fol. 158), xehed Keith Perry, li bejn is-snin 1996 u 1998, kien jaħdem bħala *tourist representative* mas-soċjeta` konvenuta. Huwa spjega li xogħlu kien li jieħu ħsieb lit-turisti li kienu jivvjaġġaw mas-soċjeta` konvenuta.  Huwa kien responsabbli għal kull ma kien jinqala’ waqt il-btala tal-klijenti ta’ l-istess soċjeta` konvenuta. Bejn Novembru 1996 u Ottubru 1997, kien hu li kien jieħu ħsieb il-klijenti li s-soċjeta` konvenuta kienet tibgħat lis-soċjeta` attrici. Huwa jgħid illi “*bejn in-1996 u 1998, jiena ltqajt kemm il-darba ma’ problemi li kienu jinqalgħu lill-klijenti tagħna ġewwa l-Euroclub Hotel.  Fost il-problemi li kellna ngħid illi dawn kienu jinkludu (1) l-kamra u dan peress illi ma kienx ikollhom gallarija mal-kamra; (2) l-all inclusive u ċioe` li fil-fehma tagħna once illi l-klijent jidħol mill-għatba l-ġewwa tal-lukanda kollox kien inkluż u allura ma jkunx dovut ħlas peress illi jkun ħallas minn quddiem; (3) items tal-ikel – bħal breakfast meta kien ikun hemm neqsin xi items ta’ ikel.  Din kienet tkun on a daily basis*” (a fol. 159).  Huwa qal ukoll illi “*jiena dawn il-complaints kont inressaqhom lill-management tal-lukanda li ġeneralment kienu jsibu xi skuża jew oħra*”.

Illi dawn il-problemi imsemmija hawn fuq gew ukoll ikkonfermati minn Robert Borg direttur maniġerjali tas-soċjeta` konvenuta li xehed permezz tal-proċedura ta’ l-affidavit. Dan ix-xhud esebixxa ukoll prospett ta’ Lm1,933, rigwardanti *refunds* jew kumpens li s-soċjeta` konvenuta kellha tagħti lit-turisti ġewwa Malta, wara li dawn ilmentaw dwar il-lukanda tas-soċjeta` attriċi (ara Dok. “MS1”, a fol. 206). Flimkien ma’ dan il-prospett ġew esebiti r-“*Refund in Resort forms”* (a fol. 207 *et seq*) li jindikaw ir-*refunds* li ngħataw lura lill-klijenti tas-soċjeta` konvenuta mill-istess soċjeta` konvenuta. Fil-fatt b’kollox dawn ir-*refunds*

jammontaw għas-somma ta’ Lm836.80 u ₤1770. Huwa esebixxa wkoll prospett ta’ ₤1,386, rigwardanti *refunds* jew kumpens li s-soċjeta` konvenuta kellha tagħti lit-turisti fl-Ingilterra u dan wara li dawn ilmentaw dwar l-istess lukanda (ara Dok. “MS2”, a fol. 228 *et seq*). Dokument MS2 jikkonsisti f’varji kopji ta’ *cheques* maħruġa mis-soċjeta` konvenuta lill-klijenti tagħha, li b’kollox jammontaw għas-somma ta’ ₤1386.50, *oltre* illi ġiet esebita wkoll ittra datata 25 ta’ Novembru 1996 u ffirmata minn rappreżentant tas-soċjeta` konvenuta, kif ukoll ċerta Mrs. S. Parker, klijenta tas-soċjeta` konvenuta, liema ittra tindika li l-istess Parker tħallset kumpens ta’ ₤1000 (a fol. 238).

Illi Robert Borg esebixxa wkoll prospett tas-somma ta’ Lm1,922, rappreżentanti flus li s-soċjeta` konvenuta ħallset lis-soċjeta` attriċi u li qegħda tippretendihom lura, *stante* li dawn jirrigwardaw numru ta’ kmamar li s-soċjeta` konvenuta ħallset għalihom, iżda baqgħu ma ġewx użati mill-klijenti tagħha. Dan peress illi jew it-turisti telqu l’barra għaliex ma kinux sodisfatti mill-lukanda jew għaliex is-soċjeta` attriċi tat dawn il-kmamar lil turisti oħrajn minflok lil dawk li kienet tibgħat is-soċjeta` konvenuta.

Illi l-istess xhud esebixxa wkoll prospett għas-somma ta’ Lm4,647, rappreżentanti spejjeż li s-soċjeta` konvenuta kellha tagħmel sabiex issib kmamar alternattivi f’lukandi oħrajn għat-turisti tagħha, u dan wara li s-soċjeta` attriċi ma onoratx il-ftehim li kellha mas-soċjeta` konvenuta (ara Dok. “MS 4”, a fol. 242 *et seq*). In oltre, l-istess xhud jallega li s-soċjeta` konvenuta għamlet telf ta’ qliegħ li jammonta għal Lm9,000, u dan skont rapport ta’ l-awditur tas-soċjeta` konvenuta (Dok. “MS 5”, a fol. 272). Għalhekk Robert Borg kompla jgħid illi s-somma li s-soċjeta` konvenuta qegħda tippretendi mingħand is-soċjeta` attriċi hija ta’ Lm18,888. Huwa sostna li s-soċjeta` konvenuta ħallset is-somma ta’ Lm42,687.60 lis-soċjeta` attriċi u li ghalhekk ma baqa’ xejn iżjed xi tħallas lis-socjeta’ attrici; minn naha l-ohra minhabba n-nuqqasijiet elenkati l-istess socjeta’ konvenuta qed tippretendi li titħallas mingħand is-soċjeta` attriċi, s-somma ta’ Lm18,888, kif spjegat.

Illi għas-soċjeta` attriċi, xehed Michael Ciappara permezz ta' affidavit intavolat fl-24 ta' Novembru 2004 (Dok. "EH1", a fol. 280). Huwa jgħid li huwa azzjonista ewlieni u direttur tas-soċjeta` Euroclub Holidays Company Limited.

Illi dwar il-ħlas pretiż mis-soċjeta` attriċi f'din il-kawża, l-istess xhud jgħid illi minkejja li s-soċjeta` konvenuta qegħda tgħid li hija diġa` ħallset is-somma ta' Lm10,598.60 indikata fiċ-ċitazzjoni attriċi, l-istess soċjeta` konvenuta ma ġabet l-ebda prova ta' dan il-ħlas u fil-fatt sa llum għadha ma ħallsitx. Huwa jkompli jgħid li s-soċjeta` attriċi għandha kreditu ta' Lm6,101.75, rappreżentanti bilanċ mis-somma ta' Lm40,000 li kienet dovuta bħala *commitment*, kreditu ta' Lm2,840.15, rappreżentanti bilanċ mill-*all inclusive accommodation* u kreditu ta' Lm1,656.70, rappreżentanti *extras* fil-lukanda. Dan ix-xhud jgħid ukoll li dan kollu jinsab indikat fil-prospett.

Illi dwar l-ilmenti tas-soċjeta` konvenuta, u b'mod partikolari dwar il-klassifikazzjoni ta' *three star*, Michael Ciappara jiċħad li f'xi perijodu imsemmi fil-kuntratt esebit bħala Dok. "A", jiġifieri bejn Novembru tas-sena 1996 u Ottubru tas-sena 1997, jew qabel dan il-perjodu, huwa stqarr jew ta xi forma ta' garanzija lis-soċjeta` konvenuta illi l-lukanda Euroclub hija *three star.* Huwa jkompli jgħid illi "*Anzi mid-dikjarazzjoni tiegħi tal-25 ta' Novembru 1996 li esebixxa … Robert Borg flimkien ma' l-affidavit tiegħu …(Dok. "MS") jirriżulta illi jiena kont dak iż-żmien qed nagħmel l-arranġamenti neċessarji biex il-hotel Euroclub issir three star u fl-ebda mument pero` ma għedt lil Robbie Borg jew lil xi diriġent tal-Malta Sun Holidays Limited illi l-lukanda kienet waħda three star*" (a fol. 281).

Illi Michael Ciappara stqarr ukoll illi kien biss meta beda jitlob il-ħlas mingħand is-soċjeta` konvenuta illi l-istess soċjeta` nfurmatu illi kien hemm xi lmenti. Matul il-perijodu tal-ftehim, is-soċjeta` konvenuta baqgħet tibgħat it-turisti mingħajr ma ndikat li kien hemm xi lmenti. Ix-xhud ċaħad illi l-*breakfast* ma kienx jiġi servut skont il-ftehim u ċaħad ukoll illi l-*bar* kien jinżamm magħluq. Huwa jgħid illi s-soċjeta` attriċi kellha kuntratti ma' *tour operators*

oħrajn għal dak il-perijodu u ma kienx fl-interess tiegħu illi jżomm il-*bar* magħluq. Michael Ciappara spjega wkoll illi għalkemm skont il-ftehim, is-soċjeta` attriċi kellha tipprovdi erbgħin *twin room* bil-gallarija għal mitejn lejl, is-soċjeta` konvenuta ppretendiet erronjament illi fil-*peak season* u ċioe` f'Awissu, is-soċjeta` attriċi talloka iżjed mill-erbgħin *twin room with balcony* li ntrabtet li tipprovdi. Ix-xhud jgħid ukoll illi s-soċjeta` konvenuta ppretendiet illi ladarba hi ma kinitx użat dawn il-kmamar fi ġranet oħrajn, hi kellha kull dritt li tuża dik l-allokazzjoni li kienet baqgħet vojta għall-perjodu tas-Sajf. Ciappara spjega illi "*f'tali kuntratt ta' commitment dejjem niftiehmu li commitment tfisser illi l-lukanda tħalli, bħal f'dan il-każ, erbgħin kamra għal kull ġurnata. Jekk it-tour operator ma jimliex dawn l-erbgħin kamra għall-ġurnata partikolari dak ma jkunx transportabbli għal data oħra li jkun jogħġbu t-tour operator u dan għaliex li kieku kien hekk, dak li jagħmel kull tour operator hu illi jittrasporta l-allokazzjoni ta' erbgħin kamra kuljum għall-peak season u jiġi illi jkun ħa l-qalba tal-kmamar b'rata ferm aktar baxxa min-normal*" (a fol. 284). Ix-xhud kompla jgħid illi kien hemm żmien meta kull meta fil-lukanda kien ikun hemm iżjed minn erbgħin *twin room* bil-gallarija vojta, dawn bdew jiġu allokati lis-soċjeta` konvenuta, iżda mhux għax kien hemm xi obbligu da parti tas-soċjeta` attriċi li tagħmel dan. Meta dan ma kienx possibli, is-soċjeta` konvenuta bdiet tilmenta illi s-soċjeta` attriċi ma kinitx qegħda toffri kmamar bil-gallarija.

Illi l-istess xhud iżid jgħid illi waqt il-perijodu tal-kuntratt, huwa ma kienx qiegħed jiġi nfurmat illi xi turisti bdew jitolbu lis-soċjeta` konvenuta sabiex jiġu akkomodati f'lukandi alternattivi u mhux fil-Euroclub. Fir-rigward tar-*refund in resort forms* u tad-dokumenti konnessi ma' tibdil fl-akkomodazzjoni, liema dokumenti ġew esebiti mis-soċjeta` konvenuta, Michael Ciappara qal illi fl-ewwel lok, m'hemm l-ebda konferma li dawn in-nies li allegatament ingħataw *refund*, kienu verament alloġjati ġewwa l-lukanda Euroclub. Jgħid li huwa ma jistax jikkonferma dan. Jgħid ukoll illi ħafna mir-*refund in resort forms*, u b'mod partikolari fejn hemm indikat Euroclub, saru mill-istess id u bl-istess kaligrafija. Ix-xhud isostni, għalhekk, illi hu m'għandu l-ebda mod kif jista' jikkonferma jekk dak

dikjarat huwiex minnu jew hux "*sempliċiment mili ta' formoli da parti ta' xi uffiċjal ta' l-istess Malta Sun Holidays*" (a fol. 285). *In oltre* dwar iċ-*cheques* li ġew esebiti mis-soċjeta` konvenuta, Ciappara jgħid illi "*ma nista' ngħid xejn għaliex ma hemm l-ebda ndikazzjoni għalxiex qed isir dak il-ħlas u dan partikolarment minħabba l-fatt illi l-Malta Sun Holidays kellha kuntratti mhux biss mal-lukanda tiegħi imma wkoll ma' lukandi oħra u għalhekk jiena ma nistax nindividwa dwar xhiex jirrelataw tali pagamenti*" (a fol. 285). Dwar l-ittri li allegatament kitbu xi turisti sabiex jilmentaw dwar il-lukanda Euroclub, jgħid illi kemm il-darba dawn huma ġenwini, huwa qatt ma ġie ffaċċatt b'dawn il-problemi fiż-żmien li huma kienu, jekk kienu, fil-lukanda. Huwa reġa' kkonferma li qabel ma talab il-ħlas mertu tal-kawża, huwa qatt ma rċieva lmenti, la da parti tas-soċjeta` konvenuta u lanqas da parti tat-turisti mibgħuta minnha.

Illi fis-seduta miżmuma quddiem din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-11 ta' Marzu 2005 u in kontro-eżami (a fol. 307), Michael Ciappara, meta ġie mistoqsi għaliex kien hemm żmien meta s-soċjeta` attriċi ma tatx kmamar lis-soċjeta` konvenuta, għalkemm kienet intrabtet li tagħmel dan, u dan speċifikatament fl-istaġun tas-Sajf, huwa wieġeb "*dejjem tajthomlu l-40 kamra, l-over ma tajtux*" (a fol. 310). Huwa qal illi fix-xahar ta' Awissu, huwa kien żamm 40 kamra għas-soċjeta` konvenuta, iżda peress illi din bagħtet iżjed turisti, huwa ma kellux iżjed kmamar minn hekk għall-istess soċjeta` konvenuta. Huwa qal li meta s-soċjeta` konvenuta bdiet tibgħat iżjed minn 40 kamra, huwa kien ilmenta dwar dan ma' l-istess soċjeta` konvenuta flimkien ma' l-*accountant* tiegħu, ċertu Bondin. Fil-fatt jgħid li kien tkellem ma' Mike Smith u kien talab li s-soċjeta` konvenuta tħallas *extra* tan-nies żejda li kienet qegħda tibgħat. Huwa sostna illi "*l-40 kamra kienu available anki fil-peak season. M'huwiex minnu li dawn kont tajthom lil ħaddieħor bi prezz għoli kif qed jiġi suġġerit lili. Huwa minnu illi jiena kont obbligat illi l-40 kamra nipprovdihom kmamar bil-gallarija. Jiena nikkonferma illi anki fix-xhur t'Awwissu dejjem kien hemm available skont l-obbligi kuntrattwali tiegħi 40 kamra bil-gallarija. Dawk li ma kienux bil-gallarija, kienu l-over*

*jiġifieri dawk il-fuq minn 40 kamra. Jiena nikkonferma illi lil dawn it-turisti li bagħtuli u relattivament għal 40 kamra, jiena kont nipprovdilhom English breakfast u mhux vera dak li qed jiġi suġġerit lili li naqqastilhom ic-cereal … Wara li mort għall-flus, il-Malta Sun ippreżentat diversi complaints. Jien nirrileva illi għalkemm il-complaints kienu varji, il-firma jew il-handwriting kienu l-istess u jidhru li kienu ta' l-istess persuna*" (a fol. 314 u 315). L-istess xhud innega illi qatt kellu lmenti dwar il-*breakfast* da parti tat-turisti jew tat-*tourist representatives* u ċaħad illi r-rappreżentanti kellmuh dwar xi lmenti oħra li kienu qed isiru da parti tat-turisti. Lanqas il-*General Manager* tas-soċjeta` attriċi, li dak iż-żmien kienet Pauline Caruana, qatt ma qaltlu illi kienu saru xi lmenti da parti ta' l-istess rappreżentanti. Ċaħad ukoll illi l-*brochure* li jindika l-lukanda Euroclub bħala lukanda *three star* (a fol. 25) ingħatat lis-soċjeta` konvenuta flimkien mal-ftehim li kien sar bejn il-partijiet, madankollu kkonferma li l-*brochure* hija fil-fatt *brochure* tas-soċjeta` attriċi.

Illi fl-istess seduta, Michael Ciappara obbliga ruħu illi jesebixxi prospett rigwardanti l-figura ta' Lm6,101.75, mitluba fil-kawża odjerna bħala bilanċ dovut fuq il-ftehim *de quo*. Madankollu, fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2005, l-Avv. Dominic Cassar għas-soċjeta` attriċi, irrileva illi kien qiegħed jirrinunzja għall-preżentata tad-dokument indikat u minflok għamel referenza għal Dok. "X5" (a fol. 191), konsistenti dan id-dokument f'rendikont tal-pagamenti li saru mis-soċjeta` konvenuta lis-soċjeta` attriċi. *In oltre*, fis-seduta tal-31 ta' Mejju 2006, fir-rigward tar-rendikont ossia prospett dettaljat ta' kif is-soċjeta` attriċi waslet għas-somma dovuta ta' Lm6,101.75, reġa` għamel referenza għall-imsemmi dokument a fol. 191, speċifikatament għal dik il-parti fejn is-soċjeta` konvenuta, fir-raba' linja, tammetti illi hija ma ħallsitx din is-somma ta' Lm6,101.75, mill-*commitment* ta' Lm40,000. Ġie dikjarat ukoll mill-istess soċjeta` attriċi illi għalkemm hija ma taqbilx illi s-soċjeta` konvenuta kellha żżomm milli tħallas l-imsemmija somma, taqbel illi bħala fatt illi din is-somma baqgħet ma tħallsitx.

Illi fis-seduta tat-12 ta’ Ġunju 2006, ġiet esebita kopja oriġinali tal-*brochure* esebita a fol. 25, li fih il-lukanda Euroclub tidher reklamata bħala lukanda *three star* (Dok. MCX 2). Skont is-soċjeta` konvenuta, din kienet waħda mill-ħafna *brochures* li ingħatat lilha mis-soċjeta` attriċi. In kontro-eżami, Robert Borg ikkonferma illi bejn is-sena 1996 u 1997, huwa kien għamel diversi reklami b’dan illi f’dawk il-każijiet li s-soċjeta` konvenuta kellha *commitment*, hija kienet ġeneralment issemmi l-lukanda partikolari b’isimha u ssir referenza għan-numru ta’ l-istilel tagħha, għalkemm ġieli kien hemm okkażjonijiet fejn il-lukanda ma tissemmiex. Fejn ma kienx hemm *commitment*, ġeneralment ma kinux jissemmew l-ismijiet tal-lukandi, għalkemm dan ġieli sar ukoll. Huwa żied jgħid illi l-ewwel is-soċjeta` konvenuta kienet tipprova timla’ l-lukanda li magħha kien ikollha *commitment*, imbagħad il-lukandi l-oħrajn. Naturalment kemm il-darba klijent xtaq lukanda *four star*, u il-lukandi li magħhom kien hemm *commitment* ma kinux *four star*, allura s-soċjeta` konvenuta kienet tieħu ħsieb li tibgħat lil dak il-klijent ġewwa lukanda *four star.*

Illi fis-seduta tas-26 ta’ April 2007, Joseph Sammut xehed illi iżjed minn għaxar snin ilu, huwa kien konsulent tas-soċjeta` attriċi. In kontro-eżami, l-istess xhud spjega illi huwa kien ikun involut mas-soċjeta` attriċi, meta kien ikun hemm problemi ta’ ċertu entita`, bħala kwistjonijiet ta’ taxxa u banek. L-istess xhud jgħid illi kemm fis-sena 1995, kif ukoll fis-sena 1996, huwa kien jiġi kkonsultat mis-soċjeta` attriċi. Jispjega wkoll illi ghaliex huwa ħabib personali ta’ Michael Ciappara, huwa kien jiffrekwenta l-lukanda ta’ spiss u kien jagħmel l-*audited accounts.* Huwa jgħid illi xi erba’ snin ilu, is-soċjeta` attriċi talbitu biex jintervjeni f’din il-kwistjoni, sabiex jipprova jintlaħaq ftehim mas-Sur Borg. L-istess xhud ikompli jgħid illi waqt li kien jagħti l-konsulti tiegħu lis-soċjeta` attriċi, huwa kien ġie mgħarraf illi kien hemm pendenzi bejn l-istess soċjeta` attriċi u s-soċjeta` konvenuta. In kontro-eżami, l-istess xhud jgħid ukoll illi lanqas ma kien jaf bil-ftehim li kien hemm mas-soċjeta` konvenuta.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti kkunsidrat li f'din il-kawza, s-socjeta attrici qeghda titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundanata thallas s-somma ta' Lm10,598.60 u dan in kwantu ghal:-

a) Lm6,101.75 bilanc mill-kuntratt datat 5 ta' Ottubru, 1996. Permezz ta' dan il-kuntratt, is-socjeta attrici kienet obbligat ruhha li tipprovdi akkomodazzjoni u allokazzjoni fil-lukanda taghha Euroclub Hotel, Triq il-Fliegu, Qawra lill-konvenut *nomine*;

b) Lm2,840.15 bhala *"all inclusive accomodation"*;

c) Lm1,656.70 bhala straordinarji (*extras*) fil-lukanda Euroclub.

Illi l-konvenut *nomine* fin-nota ta' eccezzjonijiet tieghu jghid illi l-ammont reklamat gie mhallas fl-intier tieghu. Minbarra dan l-istess socjeta' konvenuta tghid illi sofriet danni minhabba inadempjenzi kontrattwali da parti tas-socjeta attrici u fil-fatt resqet kontro-talba fejn talbet lill-Qorti sabiex tillikwida d-danni sofferti. Fin-nota tas-sottomissjonijiet taghha, is-socjeta konvenuta tghid li d-danni jammontaw ghal Lm18,888 u dan in kwantu ghal:-

a) Hlasijiet u rifuzjoni fix-xahar ta' Awissu, 1997 moghtija mis-socjeta konvenuta lit-turisti li kellhom xi ilment fir-rigward tal-lukanda Euroclub. Dan ilahhaq is-somma ta' Lm1,933 (Dok. "MS 1" mal-affidavit ta' Robert Borg).

b) Kumpens u/jew rifuzjonijiet maghmula mis-socjeta` konvenuta lit-turisti gewwa l-Ingilterra. Dawn il-pagamenti ilahhqu s-somma ta' £2,386.50p u meta jigu konvertiti fi flus Maltin jlahhqu s-somma ta' Lm1,386 (Dok. "MS 2" mal-affidavit ta' Robert Borg);

c) Rifuzjoni ta' Lm1,922 li thallsu lis-socjeta attrici izda li s-socjeta konvenuta qed titlob rifuzjoni taghhom. Dan minhabba l-fatt li kien hemm ghadd ta' kmamar li ma gewx utilizzati mit-turisti jew ghax it-turisti telqu l-barra u ma kienux sodisfatti bil-kmamar u jew minhabba li ma kienx

hemm disponibbilta` ta’ kmamar (Dok. “MS 3” mal-affidavit ta’ Robert Borg).

d) Lm4,647 li s-socjeta konvenuta kellha thallas sabiex it-turisti li ma riedux joqghodu fil-lukanda Euroclub jigu alloggjati band’ohra (Dok. “MS 4” mal-affidavit ta’ Robert Borg);

e) Lm9,000 telf ta’ qliegh u dan skont Dok. “MS 5”.

Illi fuq dawn il-vertenzi jinghad li jirrizulta li bejn il-partijiet kien gie iffirmat ftehim fil-5 ta’ Ottubru, 1996 (a fol. 5) u li permezz tieghu s-socjeta attrici intrabtet illi taghti lis-socjeta konvenuta erbghin 40 *twin room* ghal mitejn (200) lejl fis-sena. Kull kamra riedet tkun bil-gallarija u tiehu tnejn min-nies. Il-valur ta’ dan il-ftehim kien ta’ Lm40,000. *Di piu*, dan il-ftehim kien jistipula illi s-socjeta` konvenuta kellha tutilizza “*8000 room nights*” pari ghal Lm2.50 kull persuna kull lejl *half board* bejn 1 ta’ Novembru, 1996 u l-31 ta’ Ottubru, 1997. F’kaz li jkun hemm min jutilzza dawn il-kmamar a bazi ta’ *bed and breakfast*, allura l-hlas kellu jitnaqqas ghal Lm1.25 kull persuna kull lejl. F’kaz ta’ uzu *full board basis*, is-socjeta konvenuta intrabtet li thallas Lm0.70 izjed kull persuna kull lejl. Kien gie miftiehem ukoll illi f’kaz li jkun hemm bzonn ta’ iktar minn dawk it-*8,000 room nights*, allura kull lejl irqad kien jithallas pro rata skont l-uzu. Din is-somma ta’ Lm40,000 kellha tithallas hekk:-

Bejn Novembru, 1996 u April, 1997 – Lm2,000 fix-xahar fl-ahhar jum ta’ kull xahar;

Bejn Mejju, 1997 u Gunju, 1997 – Lm4,000 fix-xahar fl-ahhar jum ta’ kull xahar;

Bejn Lulju 1997 u Ottubru, 1997 – Lm5,000 fix-xahar fl-ahhar jum ta’ kull xahar.

Illi mid-dokumentazzjoni esebita, jirrizulta illi saru s-segwenti hlasijiet lis-socjeta attrici:

a. Lm2,000 – 7 ta’ Dicembru, 1996. Dan ic-cekk issarraf fil-11 ta’ Dicembru, 1996.

b. Lm2,000 – 4 ta’ Jannar, 1997. Dan ic-cekk issarraf fis-7 ta’ Jannar, 1997.

c. Lm2,000 – 31 ta’ Jannar, 1997. Dan ic-cekk issarraf fl-4 ta’ Frar, 1997.

d. Lm2,000 – 8 ta’ Marzu, 1997. Dan ic-cekk issarraf fl-10 ta’ Marzu, 1997.

e. Lm2,000 – 2 ta’ April, 1997. Dan ic-cekk issarraf fit-2 ta’ April, 1997.

f. Lm2,000 – 3 ta’ Mejju, 1997. Dan ic-cekk issarraf fis-6 ta’ Mejju, 1997.

g. Lm4,000 – 4 ta’ Gunju, 1997. Dan ic-cekk issarraf fil-5 ta’ Gunju, 1997.

h. Lm4,000 – 5 ta’ Lulju, 1997. Dan ic-cekk issarraf fis-7 ta’ Lulju, 1997.

i. Lm3,067 – 14 ta’ Awissu, 1997. Dan ic-cekk issarraf fit-18 ta’ Awissu, 1997.

j. Lm5,000 – 1 ta’ Settembru, 1997. Dan ic-cekk issarraf fit-2 ta’ Settembru, 1997.

k. Lm5,000 – 1 ta’ Ottubru, 1997. Dan ic-cekk issarraf fis-6 ta’ Ottubru, 1997.

l. Lm5,000 – 29 ta’ Novembru, 1997. Dan ic-cekk issarraf fit-3 ta’ Dicembru, 1997.

m. Lm2,687.60 – 3 ta’ Jannar, 1998. Dan ic-cekk issarraf fit-8 ta’ Jannar, 1998.

Illi b’kollox il-hlas li sar lis-socjeta attrici, kif hawn fuq indikat kien ta’ Lm40,754.60. Dan il-hlas sar mis-socjeta’ Palm Court Limited.

Illi skont ix-xhieda ta’ Mike Smith ghas-socjeta’ konvenuta l-ammont li kellu jithallas kien ta’ Lm40,000 + Lm5,169.75 (*All inclusive*) + Lm 1686.60 (*extras*) = Lm46,856.35.

Illi minn dan l-ammont is-socjeta’ konvenuta zammet is-somma ta’ Lm1,933 ghall-kumpens li hija hallset lill-klijenti taghha, Lm288.75 ghall-reduzzjonijiet u Lm3,880 ghal *half board* mhux utilizzat: total ta’ Lm6,101.75. B’hekk is-socjeta’ konvenuta hallset lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ Lm40,754.60.

Illi s-somma ta’ Lm6,101.75 reklamata mis-socjeta’ attrici hija t-tnaqqis li mis-somma totali dovuta kif spjegat fil-paragrafu precedenti. Skont il-Qorti mix-xhieda u mid-dokumenti esibiti dan it-tnaqqis da parti tas-socjeta’ konvenuta huwa gustifikat. Is-somma ta’ Lm2,840.15 bhala *“all inclusive accomodation*” u Lm1,656.70 bhala straordinarji (extras) fil-lukanda Euroclub huma inkluzi fil-kalkulazzjoni tas-somma globali ta’ Lm46,856.35 mahduma mis-socjeta’ konvenuta (qabel it-tnaqqis) u ghalhekk dawn kienu gja *accounted for*. Konsegwentement, it-talba tas-socjeta attrici ghandha michuda fl-*intier* taghha *stante* li gie ppruvat li l-hlas da parti tas-socjeta’ konvenuta sar lis-socjeta’ attrici fl-*intier* taghha wara li gew imnaqqsa xi ammonti skont il-kuntratt bejn u l-partijiet u minhabba kumpens dovut mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta.

Illi s-socjeta’ konvenuta qeghda tghid ukoll illi hija sofriet id-danni minhabba d-diversi ilmenti li saru mill-klijenti li hija baghtet fil-lukanda gestita mis-socjeta attrici. Is-socjeta attrici tghid illi hija rreklamat il-lukanda Euroclub bhala lukanda *three star*, meta fir-rejalta din kienet *two star*. Is-socjeta konvenuta tghid illi hija ma kinitx taf li l-lukanda Euroclub kienet *two star*, u li ghalhekk, meta bdew l-ilmenti f’dan ir-rigward, hija ma kellhiex triq ohra ghajr li thallas lill-klijenti taghha ghal dan in-nuqqas. Apparti dan, l-istess socjeta’ konvenuta tghid ukoll illi kien hemm ilmenti gejjin minhabba l-fatt li l-*bar* tal-Hotel ma kienx qieghed ikun miftuh b’mod regolari u li anke ghar-rigward tal-ikel, dan ma kienx qieghed jigi servut kif

miftiehem. Irrizulta mill-provi illi l-Hotel Euro club kienet Hotel *two star* u mhux *three star*.

Illi fir-rapport tal-Perit Legali huwa jghid li mehuda in konsiderazzjoni ix-xhieda moghtija, d-dokumentazzjoni esebita, inkluz l-ittri ta' l-ilmenti tat-turisti, u l-provi l-ohra migjuba mill-partijiet f'dan il-kaz, huwa tal-fehma illi s-socjeta` konvenuta irnexxielha tipprova l-kaz taghha u cioe' li hija soffriet id-danni. Sostna li  l-ammonti li gew indikati mill-konvenut *nomine*, u li jinsabu annessi ma' l-affidavit tieghu mahluf fit-30 ta' April, 2004 bl-ebda mod ma gew ikkontestati mis-socjeta' attrici.

Illi izda l-Qorti tinnota li mill-lista ta' l-ammonti ta' danni hawn fuq elenkata ghandhom jitnaqqsu Lm1,933 li kienet somma li kienet gja' giet imnaqqsa mill-ammont globali u b'hekk gja' imhallas min-naha tas-socjeta' attrici.

Illi minbarra dan hemm ukoll da parti tas-socjeta' konvenuta talba  ghal somma ta' Lm9,000 rapprezentanti telf ta' qliegh, (Dok. "MS 5"). Il-Qorti tirrileva li d-danni li persuna ghandha taghti minhabba inadempjenza kontrattwali (bhalma qieghed jigi allegat min-naha tas-socjeta' konvenuta) ghandhom b'mod generali jirriflettu t-telf li jkun bata u l-qliegh li jkun gie mtellef (**artikolu 1135 tal-Kodici Civili)**. Persuna hija responsabbli biss ghad-danni kkagunati minnha u li setghu jkunu previsti fil-mument tal-kuntratt. (**artikolu 1136 tal-Kodici Civili**). Fil-kawza **"Margaret Camilleri et vs The Cargo Handling Co. Ltd"** (P.A. - 13 ta' Ottubru, 2004), il-Qorti qalet li '...*kull konsegwenza patrimonjali negattiva trid tigi kalkolata skont parametri objettivi. In kwantu l-Artikolu 1135 tal-Kodici Civili jsemmi kemm it-telf subit kif ukoll il-qligh li jkun gie mtellef wiehed jifhem li n-norma hi mahsuba bhala espressjoni tal-principju tar-rizarciment mill-konsegwenzi kollha patrimonjali negattivi tal-lezjoni ghat-titolari tad-dritt. Tali principju "compensatio lucri cum danno" jinnecessita' rabta ma' l-antecedenti li jkunu taw lok ghad-dannu. Dan ghall-fini tan-ness ta' kawzalita'. Huwa mbaghad daqstant iehor logiku u gust illi ghandhom dejjem konsiderazzjoni l-fattezzi tal-kaz partikolari".*

Illi ghalhekk fil-komputazzjoni ghad-danni ghandhom jigu inkluz biss dawk id-danni li jkunu l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas ta’ l-obbligazzjoni. Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza **“Nicole Mairangas vs. HSBC Bank Malta plc”** (A.C. - 3 ta' Ottubru, 2008) fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell dwar l-ezercizzjoni ta’ komputazzjoni tad-danni sostniet li:-

*“Din il-Qorti tirrileva li filwaqt li hu minnu li hemm gurisprudenza fis-sens li meta jkun difficli li jigu likwidati d-danni, il-Qorti tista' tipprocedi ghall-valutazzjoni 'ex aequo et bono' (ara per ezempju, il-kawza* ***Camilleri v. The Cargo Handling Co. Ltd****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Ottubru, 2004) irid pero`, dejjem jigi muri li, fil-fatt, gew sofferti danni. Skont il-ligi, id-danni jridu jkunu reali u "l-effett immedjat u dirett tan-nuqqas ta' l-obbligazzjoni" (Artikolu 1137 tal-Kodici Civili). Fi kliem iehor, qabel ma l-Qorti tghaddi biex tillikwida d-dani, anke ex aequo et bono, irid jirrizulta effettivament li kien hemm danni, ghax altrimenti l-Qorti tkun qed takkorda danni morali”.* Dan ifisser li il-gurisprudenza prevalenti hija fis-sens li d-danni jridu jkunu reali u effettivi.

Illi issa tenut kont tal-premess jinghad li r-rapport li jinstab a fol 272 tal-process (Dok. “MS5”) is-socjeta’ konvenuta qed tirreklama allegat telf ta’ qliegh minhabba li l-*hotel* li kellu jigi fornit mis-socjeta’ attrici kellu jkun wiehed klasifikat bhala *3-star* u mhux *2-star*. F’dan il-kuntest il-versjoni tas-socjeta’ konvenuta hija fis-sens li meta rrizulta li l-*Hotel* kien *2-star* u mhux *3-star*, dan wassal ghal diversi ilmenti u ghal diversi talbiet ghall-kumpens u kif ukoll tnaqqis fir-rati. Izda effettivament prova ta’ dan ma saritx, u jirrizulta mill-provi li klijenti tas-socjeta’ konvenuta baqghu jigu fl-istess hotel b’mod konsistenti u minkejja dak indikat fl-istess rapport ma’ ingabhet ebda prova li effettivament kien hemm tnaqqis fir-rati li gew iccargjati lit-turisti klijenti tas-socjeta’ konvenuta. Ghalhekk din il-Qorti thoss li rapport *ex parte* pprezentat mis-socjeta’ attrici ma jippruvax l-allegat telf ta’ qligh allegat mis-socjeta’ konvenuta fil-grad rikjest mill-ligi u skont il-gurisprudenza hawn fuq citata u b’hekk dan l-ammont qed jigi michud.

Illi ghalhekk il-kontro-talba qed tigi milqugha ghall-ammont ta' tmintax-il elf, hames mija u tletin ewro u sbatax-il centezmu (€18,530.17) ekwivalenti ghal sebat elef, disa' mija u hamsa u hamsin lira Maltija (Lm7,955). L-azzjoni attrici qed tigi michuda ghar-ragunijiet fuq premessi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, tichad it-talba tas-socjeta` attrici ghaliex hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.

Bl-ispjejjez tal-kawza attrici a karigu tas-socjeta' attrici.

Illi dwar il-**kontro-talba** ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghall-istess, tilqa' l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta fis-sens biss hawn deciz, b'dan illi tiddikjara li l-istess socjeta' rikonvenzjonata minhabba inadempjenza kontrattwali, u l-agir illegali u abbusiv taghha kif fuq deskritt, ikkawzat danni lis-socjeta' konvenuta, u minhabba dan din il-Qorti qed:-

(1) Tillikwida danni sofferti mis-socjeta' konvenzjonanti konsegwenza tal-agir sudett tas-socjeta' rikonvenzjonata fl-ammont ta' tmintax-il elf, hames mija u tletin ewro u sbatax-il centezmu (€18,530.17) ekwivalenti ghal sebat elef, disa' mija u hamsa u hamsin lira Maltija (Lm7,955).

(2) Tikkundanna lill-istess socjeta' rikonvenzjonata thallas lis-socjeta' rikonvenzjonanti l-ammont ta' tmintax-il elf, hames mija u tletin ewro u sbatax-il centezmu (€18,530.17) ekwivalenti ghal sebat elef, disa' mija u hamsa u hamsin lira Maltija (Lm7,955) rappresentanti danni hekk likwidati kif fuq inghad.

BL-ispejjez tal-kontro-talba u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra s-socjeta' attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------